MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 16/2007

A

Vs

B

Il-Qorti;

1. Din il-kawza tittratta talba ghall-annullament taz-zwieg li gie celebrat fl-10 ta’ Settembru 2000. L-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha fuq ir-raguni li l-kunsens taghhom kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali u/jew b’anomalija psikologika serja li kien jaghmilha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

2. Min-naha tal-konvenut jaqbel mat-talba ta' l-attrici u kkonferma li z-zwieg ghandu jigi dikarat null, ghalkemm l-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici.

3. In-nullita' ta' zwieg, ladarba tigi dikjarata, topera b'mod retroattiv cjoe' daqslikieku z-zwieg qatt ma gie celebrat, u ghalhekk effettiv *ex tunc*. Mhux l-istess fil-kaz tad-divorzju fejn l-effetti huma ex nunc, fejn l-effetti huma *ex nunc*, cjoe' mill-mument li fih id-divorzju jigi dikjarat. Inoltre, il-presunzjoni ghandha tkun li gialadarba gie celebrat zwieg, l-unjoni hi valida u ghandu jgawdi l-protezzjoni tal-ligi.

4. Iz-zwieg jigi fis-sehh bil-kunsens tal-koppja. L-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iz- Zwieg (Kap. 255) jipprovdi ghal kazijiet meta zwieg hu null. Provvediment li hu simili u f'partijiet minnu identiku ghall-provvedimenti tal-Kodici Kanoniku. Fl-Att XXXVII tal-1975, kienu biss tlieta l-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 19:-

- Kunsens ikun ittiehed bi vjolenza, jew eskluz bi zball fuq l-identita' tal-persuna;
- Impotenza, diment li hi perpetwa u tezisti qabel iz-zwieg;
- Sterilita' minhabba n-nuqqas ta' organu essenzjali ghal prokreazzjoni.

Sussegwentement permezz ta' l-Att XXXIV tal-1981 il-provvediment gie sostitwit b'dak li ghadu japplika sal-lum.

Il-ligi ma tatix definizzjoni ta' zwieg. Madankolu l-iskop essenzjali wara z-zwieg civili jidher li hu identifikabbli fil-kostituzzjoni ta' hajja ta' komunjoni.

Hu fatt li f'diversi sentenzi l-qrati jinterpretaw l-Artikolu 19 ta' Att dwar iz-Zwieg skond l-insenjament ta' guristi tad-dritt kanoniku u wkoll gurisprudenza tat-Tribunal Ekklezjastiku. Pero' fil-fehma tal-qorti wiehed ghandu jiftakar li skond il-ligi kanonika z-zwieg hu shubija ghall-hajja kollha li min-natura tieghu jahseb **ghall-**

**prokreazzjoni u edukazzjoni ta' ulied**. Fil-fatt skond kanone 1096: *"For matrimonial consent to exist, the contracting parties must be at least not ignorant that* ***marriage is a permanent partnership*** *between a man and a woman* ***ordered to the procreation of offspring by means of some sexual cooperation."***. Filwaqt li skond il-ligi kanonika hu evidenti li l-prokreazzjoni hi obbligu essenzjali ghall-hajja mizzewwga, fil-ligi civili ma nsibux provvediment simili, ghalkemm diversi sentenzi lokali jikkonfermaw li l-prokreazzjoni hu element essenzjali[1]. Inoltre, wiehed ghandu jiftakar ukoll li fid-dritt kanoniku z-zwieg hu sagrament u indissolubbli. Zwieg bir-rit civili m'huwiex celebrazzjoni religjuza, ghalkemm hu fatt li l-istat jirrikonoxxi lill-kattolici l-ligi kanonika in kwantu per ezempju jirrikonoxxi zwieg li gie celebrat skond in-normi u r-rit kattoliku u li dan iz-zwieg ghandu l-istess effett civili bhal zwieg civili[2]. Hekk ukoll l-istat jirrikonoxxi sentenzi tat-Tribunal Ekklezjastiku li jkun iddikjara zwieg null. Ghalkemm hafna ghandhom il-percezzjoni li skond il-ligi Maltija zwieg hu ghal kollox indissolubbli, din m'hijiex ir-realta'. Hu veru li sal-lum f'Malta ma jezistix divorzju, pero' l-Artikolu 33 tal-Kap. 255 jirrikonoxxi decizjonijiet ta' divorzju li jinghataw minn qorti barranija diment li tinghata minn qorti kompetenti tal-pajjiz fejn wahda mill-partijiet hi domiciljata jew cittadina:-

> **33.** Deċiżjoni ta' qorti barranija dwar l-istat ta' persuna miżżewġa jew li tolqot dak l-istat għandha tkun rikonoxxuta għall-finijiet kollha ta' liġi f'Malta jekk id-deċiżjoni tingħata minn qorti kompetenti tal-pajjiż li fih xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti tkun domiċiljata jew li tiegħu xi waħda minn dawk il-partijiet tkun ċittadin.

Interessanti hu li skond l-Artikolu 15 tal-Kap. 255 ir-Registratur, cjoe' l-ufficjal li quddiemu jsir iz-zwieg:

---

[1] Il-gurisprudenza fil-parti l-kbira taghha hi fis-sens li jekk wiehed ikun eskluda l-prokreazzjoni, il-kunsens ikun vizjat ghaliex ghandek eskluzjoni pozittiva taz-zwieg (ara per ezempju sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef N. Arrigo) fl-ismijiet **David Mangion vs Maria Sciberras** deciza fl-10 ta' Novembru 1999).

[2] Emenda ntrodotta bl-Att I tal-1995.

żwieġ għandu jistaqsi lill-persuni li jkunu ser jiżżewġu, l-ewwel lil waħda minnhom u mbagħad lill-oħra, jekk hu jridx jieħu jew hi tridx tieħu lill-persuna l-oħra bħala martu jew żewġha rispettivament, u meta kull waħda mill-partijiet jiddikjaraw li hekk iridu, mingħajr ebda kondizzjoni jew kwalifika, hu għandu jiddikjarahom bħala miżżewġin.

Iz-zwieg hu esklussiv (monogamu), m'huwiex permess li jsir xi tip ta' ftehim differenti minn dak kontemplat mil-ligi, ta' zmien indeterminat (m'huwiex possibbli li jsir xi ftehim ghal zwieg *a tempus* jew soggett ghal kondizzjoni rizoluttiva jew ghal kwalsiasi kawza ta' xoljiment).

Rilevanti wkoll hu li f'kawzi ta' annullament:

- Ma tridx tinghata prova li l-kunsens kien validu;
- Bhal kull kuntratt iehor iz-zwieg ghandu jigi meqjus validu. Din ghandha tkun il-presunzjoni;
- Fid-dubju l-validita' taz-zwieg ghandha tipprevali sakemm tinghata prova kuntrarja;
- L-annullament m'ghandux ikun ir-regola, ghalkemm m'hemmx dubju li fir-realta' matul is-snin il-qrati addottaw interpretazzjoni liberali tal-Artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg. Il-qorti taghmilha cjara li m'hijiex tikkritika din it-tendenza, ghalkemm tistqarr li ma taqbilx li fl-istess nifs issir riferenza ghall-ligi kanonika. Il-qorti hi tal-fehma li z-zwieg civili ma jistax jitqieghed fl-istess keffa ta' zwieg taht il-ligi kanonika. Wiehed jista' jargumenta li l-legislatur sab din is-sistema komda hafna sabiex is-suggett delikat tad-divorzju jigi pospost ghaliex sfortunatament fl-ambjent Malti hu meqjus bhala suggett kontroversjali. Bl-istess mod wiehed ma jistax jonqos milli jsemmi t-tbattija li qeghdin ighaddu minnha koppji li jikkoabitaw barra miz-zwieg, in kwantu l-Istat ghadu sal-lum jaghzel li ma jirregolax il-posizzjoni taghhom b'legislazzjoni *ad hoc*. Interessanti kif mir-ricerka li ghamlet il-qorti, wara l-introduzzjoni tad-divorzju fl-Irlanda gie registrat zieda ta' sentenzi fejn il-qrati cahdu talbiet ghall-annullament ta' zwieg. Ovvjament fl-ambjent attwali it-tendenza ser tibqa' li l-qrati jibqghu propensi li jaghtu interpretazzjoni liberali tal-provvedimenti relattivi u l-annullament taz-zwieg jibqa' jkun ir-regola u mhux l-eccezzjoni.

5. Skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255:-

(*d*) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Il-ligi ma tatix definizzjoni ta' zwieg. Madankollu l-iskop essenzjali wara z-zwieg civili jidher li hu identifikabbli fil-kostituzzjoni ta' hajja ta' komunjoni. Iz-zwieg jaghti lok ghall-rapport guridiku bejn il-mizzewwgin li jgieb mieghu obbligi u drittijiet reciproci bejn il-mizzewwgin (ara provvedimenti tal-Kodici Civili):-

a. Koabitazzjoni;
b. Li jieqfu ma' xulxin kemm materjalment u moralmet;
c. Manteniment u kontribuzzjoni ghall-htigijiet tal-familja;
d. Fedelta';
e. Kollaborazzjoni bejn il-konjugi ghall-interessi tal-familja;

6. Il-fatti rilevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

a. Il-partijiet bdew johorgu flimkien f'April 1996.
b. F'Settembru 1996 il-konvenut iddecida li jmur jahdem il-Libja. Normlament kien jaghmel tlett (3) gimghat il-Libja u tlett (3) gimghat ta' wara f'Malta.
c. L-attrici qatt ma riedet li l-konvenut jahdem barra minn Malta.
d. Fid-29 ta' Ottubru 1999 l-attrici baghatet ittra lill-konvenut fejn qaltlu li kien qieghed jinjoraha u li fil-fehma taghha r-relazzjoni taghhom kien waslet fix-xifer.
e. Fl-10 ta' Settembru 2000 gie celebrat iz-zwieg. L-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kwazi 28 sena.
f. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

g. F’Jannar 2001 il-konvenut beda jahdem f’Malta.
h. Qiesu sena wara z-zwieg beda l-inkwiet matrimonjali. Ghalkemm il-kontendenti fittxew l-ghajnuna, ma rnexxielhomx jeghelbu d-diferenzi ta’ bejniethom.
i. F’Dicembru 2006 l-attrici hadet l-ewwel pass sabiex tinfired minn ma’ zewgha.

7. Kif jigri hafna drabi f’dawn it-tip ta’ kawzi meta jkunu kontestati, il-qorti tinghata zewg verzjonijiet li huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Hekk gara wkoll f’dan il-kaz. Min-naha:-

a. Tal-attrici, issostni li peress li l-konvenut ghazel li jmur jahdem il-Libja qabel iz-zwieg, il-koppja ma kellix zmien biex tibni relazzjoni ghaz-zwieg u ghaliha dan il-perjodu kien kollu ta’ taqtiegh ta’ qalb. Fil-fatt tilmenta li *“...l-fatt li ghamel dak iz-zmien imsiefer waqt il-hames (5) snin tal-gherusija, zmien fejn suppost kellna nkunu qrib sabiex insiru nafu lil xulxin u nifhmu sewwa ghal xiex konna dehlin, kien ta’ detriment ghaliex jien ma stajtx ninduna b’dawn in-nuqqasijiet gravi.”* (fol. 15). Qalet ukoll li matul l-gherusija r-relazzjoni taghhom kienet qeghda tiddeterjora *“....minhabba l-egoizmu tieghu, in-nuqqas ta’ responsabbilta’, nuqqas ta’ fiducja u sigurta, problema ta’ alkohol u l-karattru eccentriku tieghu.”* (fol. 13). Bhala ezempji tirreferi ghal fatt li fir-rigward tal-post li xtraw flimkien, kellha tiehu hsieb kollox hi. Inoltre tilmenta li l-konvenut qatt ma ha r-relazzjoni bis-serjeta’ u ma kienx responsabbli ghaliha. Qalet ukoll li sa ftit granet qabel it-tieg kellha dubji kemm kien ser jirnexxi z-zwieg, pero *“Dak iz-zmien ma kontx nimmagina hajti minghajru, kont inhobbu wisq.”* (fol. 16).

b. Tal-konvenut inghatat verzjoni ghal kollox differenti, u jghid li kien wara l-ewwel sena taz-zwieg (Dicembru 2001) li nqalghu l-problemi meta l-attrici *“...skoprejt li kienet taghti kunfidenzi (flirting) lil habib tagna billi tibghat messaggi bil-mobile mimlija kliem volgari. Dan kien wicc gdid li bdejt nara f’A. Kienet ukoll tiltaqa’ mieghu minn wara dahri u kif ukoll kien hemm*

*certu ntimita bejniethom.”* (fol. 37). Kompla jghid li kien skopra wkoll li martu kienet *“...bdiet tqatta’ sieghat twal kull filghaxija ‘chatting’ fuq il-kompjuter.”*. Ighid li lil martu kien ihobbha izda kienet tiddominah. Ghalkemm marru ghal *counselling*, fil-Milied 2006 qaltlu li trid tissepara. L-attur jghid li *“....insistejt illi irrid nirranga l-affarijiet izda kien kollu ghalxejn. Filfatt hija bidet il-proceduri quddiem il-Qorti fejn qed titlob separazzjoni u annullament.”* (fol. 39).

8. Il-fatt li jista’ jkun li l-attrici setghet ma rrealizatx fiz-zmien ta’ l-gherusija li jekk tizzewweg ser jinqalghu l-problemi ghal dik li hi relazzjoni interpersonali mal-konvenut ma jfissirx li fiz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg kellha xi difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. M’hemmx dubju li hu mistenni li f’kull zwieg jinqalghu diffikultajiet. Hu veru li l-genituri, familjari u hbieb, kollha jkollhom il-percezzjoni taghhom jekk persuna ghandix tizzewweg. Pero min-naha l-ohra kull persuna ghandha d-dritt li taghmel l-ghazla, diment li ma ssofrix minn xi inkapacita’, libera u tiddecidi hi lil min ghandha tizzewweg. Dan minkejja li verament fic-cirkostanzi partikolari jista’ ma jkunx opportun li tizzewweg. In-nuqqas ta’ prudenza m’hijiex prova ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 ma jipprovdix li l-kunsens hu vizjat ghaliex parti ghamlet gudizzju, li jista’ jkun zbaljat, li tizzewweg lill-persuna partikolari. Id-diskrezzjoni ta’ gudizzju ghandha tigi mkejla in relazzjoni ma’ l-elementi essenzjali ghaz-zwieg u mhux ma’ l-ghazla partikolari tal-*partner*. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li missier l-attrici u ohtha (***) ma kienux tal-fehma li l-attrici ghandha tizzewweg lill-konvenut. Hu veru li qabel iz-zwieg kien hemm sinjali li setghu wasslu lill-attrici biex tara li z-zwieg ma kienx ser jirnexxi u li fil-hajja ta’ zwieg il-konvenut ma kienx ser ikun skond l-istennija taghha. Pero’ l-qorti m’ghandix dubju li l-attrici verament kienet thobb lill-konvenut u dan kien il-fattur li wassalha sabiex tizzewwgu minkejja s-sinjali li kien hemm qabel iz-zwieg. L-attrici kienet taf xi trid[3] u m’hemmx dubju li kellha gharfien

[3] *“Jiena r-relazzjoni tieghi ma’ B kont nemmen fiha. Li kieku ma kienx mod iehor ma kontx ser nidhol ghaz-zwieg.”* (seduta tal-14 ta’ Ottubru 2008).

baziku tal-hajja mizzewwga u tad-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg. Il-qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-partijiet jixhdu *viva voce*, u temmen li l-karattru tal-kontendenti hu differenti hafna u deher ukoll li l-aspettativi u interessi taghhom jvarjaw ukoll. L-attrici stess ammettiet li; *"Jiena nikkonferma illi wara li ghaddejt minn din l-esperjenza kollha nemmen illi l-karattru tieghi u ta' B huma differenti hafna u hu evidenti illi t-tnejn li ahna ghamilna l-ghazla hazina."* (seduta tal-14 ta' Ottubru 2008). Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kunsens ta' l-attrici ma kienx vizjat minn xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewwga jew id-drittijiet u dmirijiet essenzjali ta' zwieg. Il-fatt li l-attrici thobb l-attenzjoni ma jfissirx li l-kunsens taghha kien vizjat. Ghalkemm l-konvenut jaghmel enfazi fuq il-fatt li l-attrici trid l-attenzjoni u jipprova jaghmel kapital minn dan il-fattur, min-naha l-ohra l-attrici kompliet bir-relazzjoni minkejja l-fatt li l-attur kien jahdem barra minn Malta. Il-konvenut ighid: *"......'**she never wanted to go out of her way.**'"*. Il-qorti ma taqbilx, in kwantu l-provi juru li ghalkemm l-attrici ma kenitx kuntenta li l-konvenut jahdem barra minn Malta, accettat dan l-istat ta' fatt u kompliet bir-relazzjoni. Inoltre, l-fatt li l-attrici qalet li taqbel mad-divorzju ma jista' jkun ta' ebda soljev ghat-tezi tal-konvenut[4] meqjus ukoll li spjegat li l-fehma taghha hi bazata *"...mill-affarijiet illi ghaddejt minnhom jiena."*. Il-qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-konvenut li l-attrici dahlet fiz-zwieg bl-ideja li hu *"disposable"*. Anzi l-provi juru mod iehor. Il-konvenut stess meta xehed qal: *"Jien il-fatt li konna ghamilna gherusija twila ghalija kienet sitwazzjoni illi t-tnejn li ahna konna ppreparati biex niehdu dan il-pass* (iz-zwieg)*."* (fol. 60). Ghalkemm verament jista' jkun li l-attrici ghamlet decizjoni zbaljata, b'daqshekk ma jfissirx li l-kunsens taghha kien vizjat. L-gherusija damet erbgha (4) snin u l-attrici zzewwget meta kellha erbgha u ghoxrin (24) sena, u m'hemmx dubju li kellha sens ta' maturita'. Tant hu hekk li rrakontat kif qabel iz-zwieg kienet tghid lill-konvenut li diment li jibqa' jahdem barra minn Malta ma reditx li jkollhom tfal ghaliex temmen li r-rwol tal-missier fit-trobbija tat-tfal hu mportanti. Lanqas ma rrizulta li fil-perjodu li gie

[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

celebrat iz-zwieg kien hemm xi incident jew cirkostanzi li b'xi mod seta' kellhom effett fuq id-diskrezzjoni ta' gudizzju ta' l-attrici.

9. Fir-rigward tal-konvenut wiehed irid jistqarr li l-atteggjament tieghu, kemm matul l-gherusija u fiz-zwieg, ma ghenx. Mill-provi rrizulta li l-attrici hi tip ta' persuna li trid l-attenzjoni, u jidher li l-konvenut ma gharrafx bizzejjed il-htigjiet ta' martu. Il-konvenut jattribwixxi l-falliment taz-zwieg ghal fatt li martu beda jkollha l-kunfidenzi zejda ma' rgiel. D (habiba ta' l-attrici) xehedet li, *"Jiena nikkonferma li lil A kemm-il darba wissejtha biex ma jkollhiex kunfidenzi ma' irgiel ohra."* (fol. 82). Madankollu l-qorti hi tal-fehma li dan kien fi zmien meta kien diga' hemm l-inkwiet fiz-zwieg u l-attrici kienet irrassenjat ruhha li z-zwieg kien falliment. Fil-provi li ressqet l-attrici, saret enfazi li:-

a. Il-konvenut ghamel ta' rasu meta mar jahdem il-Libja kontra x-xewqa ta' l-attrici;
b. Kien hemm okkazzjonijiet meta fil-gurnata li kellu jasal lura Malta, il-konvenut ma kienx jitfacca u ma jkunx ta' pre-avviz lill-attrici u tkun telghet l-ajruport tistennieh jasal;
c. Wara li nxtrat id-dar matrimonjali l-konvenut ma kienx juri mpenn fix-xogholijiet varji li kien hemm bzonn li jsiru fiha, u l-attrici kellha tiehu hsieb l-affarijiet;
d. Il-konvenut ma kienx izomm il-kelma;

Madankollu mill-provi ma rrizultax li l-konvenut kien qieghed ibaghati minn xi anomaliji psikici, dizordni fil-personalita' jew xi difett serju iehor li kienu jrenduh inkapaci li jidhol ghall-impenn li jgieb mieghu z-zwieg. B'daqshekk il-qorti m'hijiex qeghda tghid li m'hemmx aspetti negattivi fil-personalita' tal-konvenut li setghu wasslu sabiex ir-relazzjoni bejn il-partijiet marret ghall-aghar. Ezempju, nuqqas ta' impenn emozzjonali fil-konfront ta' l-attrici, pero' dan ma jwassalx lill-qorti biex tikkonkludi li meta zzewweg ma kellux s-setgha intelletwali mehtiega sabiex jaghraf l-impenn li kien diehel ghalih. Pero' hu fatt ukoll li l-ksur ta' dmirijiet matrimonjali ma jfissrux li huma prova li l-kunsens kien vizjat. Lanqas tista'

tasal ghal konkluzjoni li l-konvenut kien affett minn nuqqas ta' maturita'. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ssostni li l-konvenut *"...ghandu tendenzi ta' narcissismu fil-karattru tieghu"*. Madankollu ma tressqet l-ebda prova xjentifika f'dan ir-rigward u wisq inqas saret xi talba ghall-hatra ta' espert mediku.

10. Fir-rigward tal-kawzali li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligazzjonjiet essenzali taz-zwieg, jezistu persuni li ghalkemm jista' jkunu jafu ben tajjeb x'inhu z-zwieg u kkunsidraw l-ghaqal li jaghtu l-kunsens ghaz-zwieg, pero' xorta m'humiex kapaci li jaghmlu dk li ghalih iridu jghtu l-kunsens. F'din il-kawza ma tressqet l-ebda prova, li fil-fehma tal-qorti tehtieg prova medika, li xi hadd minnhom kien fiz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg ibaghati minn xi anomalija psikologika serja. Il-qorti taqbel mal-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell li: *"Din il-Qorti tirritjeni li d-determinazzjoni o meno jekk persuna kienetx jew le affetta minn xi anomalija psikologika serja,* ***kellha tigi qabel xejn stabbilita b'ezami psikjatriku u/jew psikologiku minn persuna kwalifikata li setghet tirrilaxxja tali certifikat****. Kien allura mehtieg ezami xjentifiku approfondit tal-karatteristici psikologici tal-persuna, li kellu mbaghad iservi bhala bazi ghall-apprezzament li necessarjament kellu jaghmel finalment il-gudikant biex jasal ghall-konkluzzjoni jekk tali rizultanzi xjentifici kienux jinkwadraw ruhhom fid-dispost tal-ligi taht ezami."* (**Josette Spiteri vs Joseph Spiteri** deciza fid-9 ta' Frar 2001).

11. Il-qorti hi moralment konvinta li d-diversita' tal-karattru tal-kontendenti u l-fatt li kellhom interessi differenti m'ghamlitx il-hajja matrimonjali facli, u anzi kienet ir-raguni ghalfejn dan iz-zwieg falla. Rilevanti kif l-attrici stess ikkonfermat li *"Nikkonferma illi l-ewwel sena taz-zwieg m'ghandix d'ingerger hafna dwarha."* (fol. 48). Sfortunatament biz-zmien l-inkompattibilita' ta' karattru accentwat ruhha b'tali mod li l-affarijiet baqghu sejrin mill-hazin ghall-aghar. Il-qorti tistqarr li ma tressqux provi

sodisfacenti sabiex tkun tista’ tasal ghal konkluzjoni li l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat ghar-raguni li nghatat mill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba ta’ l-attrici u l-eccezzjoni tal-konvenut. Dwar spejjez, il-qorti tqies li dawn ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet in kwantu l-konvenut iddikjara li jaqbel li hemm l-lok ghall-annullament izda minhabba vizzju tal-kunsens min-naha ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------